# IL-GUDJA

## fuq il-mapep tas-seklu XX

Kif beda s-seklu XX, l-amministrazzjoni ċivili ta' dak iż-żmien ħadet ħsieb tagħmel mapep tal-irħula kollha ta' Malta. Qassmet il-pajjiż f'żoni amministrattivi. Għal dan l-għan, il-gvern ċivili uża l-limiti tal-parroċċi ħalli jimxi fuqhom. Dawn il-mapep, bil-firma ta' Mr. Gatt, *Superintendent of Public Works*, illum huma merfugħin fl-arkivji nazzjonali fir-Rabat, Malta. Huma ddettaljati biżżejjed li juru l-mogħdijiet ewlenin bejn l-irħula u fil-kampanja. Tul dawn il-mogħdijiet tfasslu l-limiti tal-parroċċi u tal-gvern tal-imgħoddi.

**Il-limiti tal-Gudja 1900 (Parroċċa)**

Parroċċa hija territorju ta' amministrazzjoni tal-knisja. Territorju sħiħ u kontinwu.

Meta beda s-seklu XX, mill-knisja matriċi ta' Birmiftuħ – ir-raħal l-antik tal-Gudja – kienu nqatgħu, tista' tgħid, il-parroċċi kollha. Kien fadal biss dik ta' Birżebbuġa. Dak iż-żmien, il-limiti tal-Gudja kienu jaslu sa Tal-Lampat, fil-maqgħad bejn il-Gudja u Santa Luċija fit-tramuntana, sal-Karwija fin-nofsinhar, sa Tal-Millieri fil-Lvant u jibqgħu jinfirxu lejn ix-xlokk sakemm naslu mal-baħar f'Birżebbuġa. Mix-xatt ta' Birżebbuġa, kif nafuh illum, il-medda mid-Daħla ta' San Ġorġ, fejn jorbtu d-dgħajjes għall-kenn sa nofs il-Bajja ta' Birżebbuġa (illum *Pretty Bay*), fejn Wied il-Qoton jiżfoga fil-baħar, kienet kollha parti mill-parroċċa tal-Gudja.

Insemmi biss l-inħawi ewlenin. Il-Ħofra, Ras il-Wied, Ħas-Saptan, Knejjes Durbien, Wied il-Qoton, Ta' Sanserna, Tal-Giebja, Il-Brolli, kollha kontradi bejn il-Gudja u Birżebbuġa, kienu jagħmlu parti minn dan it-territorju parrokkjali. Kif għedt qabel, għall-amministrazzjoni ċivili tal-bidu tas-seklu, kienu parti mill-Gudja.



**Żvilupp tul is-seklu XX**

Kien hemm tliet mumenti importanti tul is-seklu XX li ħallew effett fuq il-limiti tal-Gudja. Dawn kienu:

| | | |
|---|---|---|
| 1911 | żvilupp ekkleżjali | Birżebbuġa nqatgħet parroċċa għaliha |
| 1974 | żvilupp infrastrutturali | *Runway* ġdida għall-*airport* ta' Malta |
| 1993 | żvilupp amministrattiv | Tfasslu l-konfini tal-Kunsilli Lokali (Att XV (1993) |

**Il-konfini tal-Gudja 2000 (Kunsill)**

Id-daqs tal-Gudja llum huwa bil-bosta iċken minn dak ta' mitt sena ilu. It-tliet deċiżjonijiet li ttieħdu, naqqru mill-art li kienet tifforma parti mill-parroċċa mitt sena ilu.

Meta nqatgħet Birżebbuġa, xi nħawi għaddew mat-territorju ta' din il-parroċċa filjali. Wied il-Qoton, Il-Brolli, Tal-Giebja u Ta' Sanserna, fost oħrajn, illum insibuhom parti mit-territorju tal-Kunsill ta' Birżebbuġa.

L-iżvilupp tar-*runway* u t-*terminal* il-ġdid tal-*airport*, fihom infushom ma ħolqux tibdil fil-konfini amministrattivi, iżda ħolqu linji fiżiċi ġodda li fuqhom 'il quddiem sar it-tfassil tal-konfini tal-Kunsilli. Dan l-iżvilupp infrastrutturali sar fl-inħawi magħrufa bħala l-Karwija u l-Madorbu, ismijiet illi llum ma nsibuhomx fuq il-mapep, u parti sew minn Knejjes Durbien. Dawn ukoll kienu jagħmlu mal-Gudja.

Kien meta ħareġ l-Att XV (1993) tal-Kunsilli Lokali li l-art tal-Gudja tnaqqret sew. Id-differenza bejn il-limiti tal-parroċċa, anke meta taqta' barra t-territorju ta' Birżebbuġa, u l-konfini tal-Kunsill Lokali hija sinifikanti. Nistgħu naraw xi ċaqliq żgħir, jiġifieri:

i) żieda ta' roqgħa art żgħira, magħrufa bħala Taċ-Ċagħki, bejn il-Gudja u Ħal Luqa,
ii) tnaqqir żgħir ta' strixxa art wara Tal-Mitħna, bejn il-Gudja u Ħal Għaxaq,
iii) tnaqqis ta' dak li fadal mill-Karwija, il-Madorbu u Knejjes Durbien 'il hemm mir-*runway* biswit Ħal Safi, li għaddew ma' Ħal Safi u li issa, bir-*runway* fin-nofs, iktar jagħmel sens li jkunu ma' Ħal Safi.

Nistgħu naraw ukoll tnaqqis ieħor ferm iżjed radikali, riżultat ta' deċiżjonijiet amministrattivi. Dawn huma:

i) l-art tal-Karwija, il-Madorbu u Ta' Ħarrub Rummien fejn illum hemm it-*terminal* tal-*airport*, u l-art bejn it-*terminal* u Ħal Far, flimkien mal-*approach lights*, li ngħatat lil Ħal Luqa,
ii) l-art bejn Ta' Ħmis u Ta' Sanserna, jiġifieri Ta' Ras il-Wied, il-Bur ta' Ras il-Wied, il-Wied ta' Ħas-Saptan u Ħas-Saptan, Ta' Razzat, Ta' Sanserna li qatgħuhom mill-Gudja u għaqqduhom ma' Ħal Għaxaq,
iii) strixxa art biswit Tax-Xlejli, magħrufa bħala Tal-Millieri, li għaddiet ma' Ħal Għaxaq ukoll.

Dawn il-meded kollha, li flimkien jagħmlu bejn wieħed u ieħor daqs dak li fadal mit-territorju tar-raħal, tneħħew mil-limiti tal-Gudja b'deċiżjoni amministrattiva biss. Il-bażi storika titlob illi dawn il-meded għandhom ikunu fil-konfini tal-Gudja.




**L-iżvilupp tar-raħal stess**

Wara li flejna r-raħal bħala territorju, nistgħu niflu wkoll ir-raħal fin-nisġa tal-bini u t-toroq tiegħu. Anke minn raħal ċkejken bħall-Gudja, nistgħu naraw kif il-leġislazzjonijiet li saru fl-aħħar żmien tas-seklu XIX u tul is-seklu li għadu kif spiċċa, biddlu l-mod tal-iżvilupp tal-irħula Maltin.

**Qabel l-1880**

Ir-raħal tul is-snin beda jikber 'il hemm mill-kappella ta' Birmiftuħ lejn l-għolja tal-Gudja. Is-

sqaqien spissi u d-daqs żgħir tal-egħlieqi madwar il-kappella jixxiebħu ħafna ma' dak ta' ħafna *lost villages* oħra imxerrdin ma' Malta kollha.

L-iżvilupp kien wieħed organiku. Il-bini kien kumpatt biex l-art agrikola ma tinħeliex. Aktarx illi kienu djar bi btieħi żgħar, biżżejjed biex jagħtu d-dawl u l-arja lill-kmamar kollha. L-iżvilupp sar sewwasew tul il-linja tal-mogħdijiet eżistenti u mxew mal-livelli tat-terren. Is-sqaqien dojoq qalb il-bini swew biex aktar djar ikollhom faċċata fuq it-triq; b'hekk kienet tinħela art mill-anqas għall-abitazzjonijiet. Fejn it-toroq kienu jiġu ma' xulxin, issib xi pjazza jew wesgħa, aktarx f'forma irregolari u magħluqa minn kull naħa.

Sal-1880 ir-raħal kien jikkonsisti fi Triq Santa Marija, Triq il-Kbira mill-kappella ta' Santa Katerina sal-bidu ta' Triq Ħal Safi u d-dawra ta' Triq Santa Katerina, ilkoll bis-sqaqien tagħhom.

Illum dan it-tip ta' żvilupp huwa ferm apprezzat mit-turist; dan ifittex il-kultura tal-pajjiż mill-istorja tiegħu, u jara xeni ħafna isbaħ u rkejjen ferm iżjed jilqgħuh f'dawn it-toroq imserrpin milli fit-toroq moderni. U mhux f'pajjiżna biss. Pajjiżi barranin ifittxu li jippreservaw dan it-tip ta' żvilupp, u jaħdmu bla heda biex jagħtu ħajja ġdida lil dawn iż-żoni, fejn in-nies jingħataw priorità assoluta.

**Fil-bidu tas-seklu**

Ftit qabel il-bidu tas-seklu XX, l-iżvilupp kellu jinbidel. Għax fis-sena 1880, il-Gvern ta' dak iż-żmien għadda regolamenti sanitarji ġodda għall-iżvilupp tal-bini.

L-ewwel żieda mar-raħal skond dawn ir-regoli kienet fi Triq San Mark, bejn Triq iż-Żebbuġa u Triq Girolamo Cassar (dak iż-żmien kienet għadha sqaq). Dan jidher sewwa fuq il-pjanta *Sketch Plan of Casal Gudja*, waħda mis-sett ta' pjanti tal-irħula li saru fl-1907, bil-firma tas-*Superintendent of Public Works*, Mr Gatt. Il-bidla hija ċara. Il-linja tat-triq issa saret dritta u t-triq twessgħet, għalkemm mhux ħafna. Mad-djar issa tidher il-bitħa fuq in-naħa ta' wara tal-bini, f'daqs ħafna ikbar mill-btieħi tas-snin ta' qabel. Il-faċċata tal-bini ttellgħet fuq din il-linja tat-triq. Din il-bitħa tibqa' sejra sal-ħabel li fired l-egħlieqi.

Minn *courtyard house* fi stil vernakulari, il-bini issa ħa xejra ta' *townhouse* b'dettalji fuq il-faċċata aktar klassiċi.

Ta' interess huwa l-fatt illi l-Palazz, minkejja li jidhru mħażża l-ħitan ta' barra tiegħu, ma hemm l-ebda dettall tal-pjanta tiegħu. F'dawk iż-żmenijiet, il-bini ta' xi użu militari ma kienx ikun imniżżel fuq il-mapep.




**Qabel il-bidu tal-*boom* tal-bini tas-snin '60**

Il-forma tal-bini baqgħet tista' tgħid ma nbidlitx. Id-dettall fuq il-faċċati nbidel tul is-snin; bdew jonqsu d-dettalji klassiċi tal-gwarniċi u l-faxex, u bdew deħlin aktar linji dritti riżultat tad-dħul ta' teknoloġija ġdida fis-sistemi tal-bini.

Kienu għadhom ifittxu li ma tintilifx ħafna art agrikola. Fil-fatt, in-numru ta' djar ġodda kien żgħir. Matul dawn l-ewwel ħamsa u sittin sena tas-seklu, il-bini l-ġdid tela' tul Triq il-Kbira (illum Triq Raymond Caruana) bejn il-kappella ta' Santa Katerina u l-Palazz Dorell. Tkompla l-iżvilupp ta' Triq San Mark, u nbeda l-iżvilupp ta' Triq iż-Żebbuġa (mappa 1957) u Triq San Pawl (mappa 1967). Ta' min jinnota li sezzjonijiet partikulari tul dawn it-triqat jistgħu jkunu identifikati ma' żmien speċifiku fuq il-mappa.

Kienet dejjem art matul jew qrib toroq eżistenti li ttieħdet għall-bini. L-art agrikola għaldaqstant ma kinitx qed tinbidel fi żvilupp urban bla bżonn u bla użu immedjat. Sa dan iż-żmien, il-kampanja kienet għadha mal-għatba tal-qalba tar-raħal.

Bħal ma semmejt 'il fuq dwar in-nuqqas ta' dettall

fuq il-pjanta tal-Palazz, fil-mappa tal-1957 ma jidher l-ebda dettall tal-inħawi tal-Karwija u tal-*airport*, anzi f'dan il-każ tidher biss roqgħa bajda bla dettall ta' xejn.




**Mill-*boom* sal-Liġi tal-Ippjanar (1992)**

Bejn l-1967 u l-1988 – f'għoxrin sena – sar żvilupp ta' bini fil-Gudja daqs kemm sar tul is-sekli l-oħra kollha. Is-soċjeta' Maltija kienet qed tinbidel. L-agrikoltura ma baqgħetx l-uniku mezz tal-għixien tal-familja. L-industria saret mod ieħor ta' impieg, u eħfef, ta' qligħ ta' flus. Il-ħajja tal-familja Maltija kienet qed tinbidel ukoll. Id-daqs tal-familja beda jiċkien. Iżda l-membri ta' dawk il-familji numerużi ta' wara l-gwerra bdew ifittxu dar għal rashom. Ma bqajniex immorru bil-pass, bil-karettun u bir-roti, kultant xi karozza; issa l-karozza saret l-iskop li għalih tfasslu t-toroq – wesgħin ħalli ngħaddu bil-karozzi sparati minn kullimkien, u kullimkien naslu bil-karozzi. Dan kollu, flimkien mal-liġijiet fil-qasam tal-bini, ġabu żvilupp enormi madwar ir-raħal.

L-iżvilupp tul dawn is-snin kien ikkontrollat permezz ta' pjan regolatur. Dment li l-art tinstab f'dan il-pjan, l-iżvilupp seta' jseħħ. It-toroq twessgħu iżjed – iżżejjed.

Dan kollu wassal għal sparpaljar fil-bini. Dak li stajna naraw qabel l-1967, jiġifieri żvilupp tul triqat eżistenti, spiċċa.

Matul is-snin sebgħin, imbagħad, naraw l-iżvilupp ta' tliet *housing estates*, tnejn minnhom 'il barra mill-pjan regolatur. Dan it-tip ta' żvilupp mill-Gvern, kiber fuq meded ta' art mingħajr tifrix bla bżonn. Iżda ġara illi, wara dan, b'liġi msejħa l-*Building Development Areas Act* (1993), seta' jsir żvilupp ta' bini qrib dawn iż-żoni l-ġodda. Dan wassal għall-iżvilupp tal-art bejn il-Gudja u Ħal Għaxaq.

Minħabba illi dan l-iżvilupp segwa mappa maħduma f'uffiċju, ġara illi dan l-iżvilupp kollu ma kellu l-ebda rabta naturali mal-art li fuqu sar. Fiġġew toroq b'pendil stramb, u fiġġew l-għadajjar tal-ilma tax-xita.

Il-bini ukoll inbidel. Iddaħħlet *it-terraced house* bil-*front garden*. Tliet metri ta' wisa' suppost għas-siġar, iżda li fihom aktar ċangatura. Inbnew ukoll l-ewwel *detached houses* tul il-*Bypass*. Kollha kliem Ingliżi, u juru żvilupp skond prinċipji mhux lokali.

L-iżvilupp beda jixxerred, ma kienx hawn iktar kontinwita' fl-iżvilupp. Bdew jidhru rqajja' ta' art mitluqa qalb il-bini.

Minbarra l-iżvilupp fiż-żona residenzjali, tul dan il-perjodu sar ukoll żvilupp enormi – meta jitqabbel maż-żmien tal-imgħoddi – fil-kampanja. Bdew ġejjin inġenji kbar għall-agrikoltura, li riedu jitqiegħdu x'imkien. Il-kmamar żgħar għall-għodod tal-idejn ma wesgħuhomx. Iżda l-iżvilupp li sar ma kienx biss għall-biedja. Xi rziezet bdew jinbidlu ukoll f'*country houses* u *farmhouses* li ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-biedja. Kienu biss mezz biex min jixtri, jaħrab ftit mill-agħa tal-ibliet għal ftit serħan.

**Mill-*Planning Authority* sal-lum**

Wara żmien ta' żvilupp li tista' tgħid skond il-liġi ta' dak iż-żmien ma kellux limitu – jiġifieri li stajna tlifna l-kampanja Maltija darba għal dejjem – daħlet fis-seħħ id-*Development Planning Act* (Att 1(1992)). F'din il-liġi, iddaħħlu l-limiti tal-Iżvilupp li jgħoddu sakemm jiġi rivedut il-Pjan tal-Istruttura tal-gżejjer Maltin. Dawn il-konfini huma approvati mill-Parlament, u l-Parlament biss jista' jbiddilhom. Il-mappi li qed jintużaw huma dawk li ddaħħlu skond l- *Building Permits (Temporary Provisions) Act* (1988).

L-iżvilupp tal-binjiet baqa' l-istess, iżjed *terraced houses*, iżjed *detached houses*, iżjed *bypasses*, iżjed twaqqigħ ta' bini antik biex jagħmel il-wisa' għal bini ġdid skond il-moda tal-ġurnata. Kien biss fejn isir il-




bini li kien effettwat. Mill-mappa jidher ċar li l-ammont ta' bini li sar dawn l-aħħar għaxar snin kien bil-bosta anqas mis-snin ta' qabel. Dan sar ukoll fil-vojt li tħalla bejn il-bini li ttella' ġdid fl-għoxrin sena ta' qabel. U vojt fadal ukoll.

Fil-kampanja, l-ammont ta' żvilupp kien ikkontrollat; dan minkejja li l-pressjonijiet fuq din l-art qegħdin dejjem jiżdiedu u jinbidlu.

## U 'l quddiem

L-aqwa grazzja li għandha l-Gudja hija li, għallanqas, baqgħet imdawra kważi kollha kemm hi bil-kampanja, minkejja li din tbegħdet xi ftit mill-qalba tar-raħal. Nies minn barra r-raħal ilkoll tolqothom din il-karatteristika tar-raħal tagħna. B'xorti tajba, il-pjazza tar-raħal ma nfetħitx beraħ bħal ma ġralhom ħafna pjazez ta' rħula oħra. Mill-bini l-qadim, fadal ħafna; u dan għandna napprezzawh. Jekk forsi xi ftit minnu ma għadux tajjeb għall-abitazzjoni, skond il-bżonnijiet tal-familji tal-lum, għandna nħabirku u naħsbu kif nistgħu nsibulu użu ġdid adattat għalih.

Ir-raħal irid jingħata lura lin-nies tar-raħal ħalli ngawduh. Irridu nsibu mezzi biex jonqos it-traffiku tal-karozzi mill-qalba tar-raħal. Inħarsu madwarna u 'l barra minn xtutna; bħal ma wasal ħaddieħor, naslu aħna ukoll.

U meta ma jkunx fadal art biex tinbena 'l ġewwa mil-limiti tal-iżvilupp?

Naħseb illi ma nkunx hawn biex nikteb il-paragrafu li jkun imiss!

*Perit Carmel Ellul A&CE*

## Riferenzi:

Malta Survey Maps:
1914 – School of Military Engineering, Chatham
Office of the Public Works Malta,
1957 – School of Military Engineering, Chatham
Office of the Public Works Malta,
1967 - Maltese Government,
1988 - Mapping Unit, Planning Authority
Sketch Plan of Casal Gudja, Mr Gatt, Superintendent of Public Works, Valletta 1907
Map of Malta, The limits of public works districts, boundaries of the single parishes, Mr Gatt, Superintendent of Public Works, Valletta 1907
Aerial Photos 1988 – Planning Authority

## Ħajr:

Arkivju Nazzjonali ta' Santu Spirtu, Rabat, Malta – Planning Authority – Water Services Corporation